**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Giovanni Antonino De Luca**

**Illum 28 ta' Settembru 2020**

**Kumpilazzjoni numru: 312/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giovanni Antonino De Luca, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 163876(A) billi huwa akkuzat talli nhar it-18 ta' Jannar, 2019, u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Kellu fil-pussess tieghu annimal perikoluz, fejn ma kienx registrat biex izommu, u dan bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz, f'sit li ma kienx approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 4(1) tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz, mhux f'maghlaq adegwat u sigur li jirrispetta r-rrekwiziti tal-annimal perikoluz inkluzi f'termini ta' sahha, indafa u mikro-klima mehtiega ghall-benesseri ta' l-annimal u dan bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz f'maghlaq li ma kienx spezzjonat u approvat mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 5(2) tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika miz-zamma jew ksib ta' xi warrant, licenzja, permess jew awtorita' skond ir-Regolament 16 tal-L.S. 439.19.

Wara li sar l-ezami tal-imputat, fejn huwa irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan wara li l-Qorti tatu zmien xieraq sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Il-Qorti spjegat ukoll lill-imputat il-konsegwenzi li ggib maghhom tali ammissjoni u kif ukoll spjegatlu x'pieni jista' jehel f'kaz li l-Qorti ssibu hati.

L-imputat wara li kkonsulta mal-avukat Amadeus Cachia zamm ferm l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

L-imputat meta mistoqsi mill-Qorti jekk inghatax zmien sufficjenti biex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu, jekk fehemx l-imputazzjonijiet

kollha u jekk jafx x'inhi l-piena ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet, wiegeb fl-affermattiv u rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet finali fejn kien hemm qbil dwar il-piena li kellha tinghata.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi wara li l-Qorti rat Regolament 4(1), 4(2), 5(1), 5(2) u 16 tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah elf ewro multa (€1000).

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur